Minuti tas-26 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 27 ta' April, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 14.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

Il-Kunsillier Lisa Marie Brooke talbet li tkun skuzata peress li ma setghetx tattendi minhabba ragunijiet personali. Il-Kunsill accetta t-talba ta' Ms Brooke u qabel li ghandha tkun skuzata.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-25 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-25 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Carmen Vella qalet li kien hemm xi ilmenti dwar l-ikla tradizzjonali. Is-Sindku spjega li kien hemm ilment bil-miktub u giet trattata il-korrispondenza tas-Sinjura Jane Azzopardi. Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Azzopardi ghandha tigi kkuntattjata mis-Sindku.

**2. Progett Fondi EU Italia – Malta OBIMED.**

2.1 Is-Sindku ta' l-informazzjoni dwar il-budget allokat, il-ko-finanzjament u l-interventi ta' dan il-progett li gie approvat ghall-finanzjament ewropew u li ghandu l-ghan li jippromwovi it-turizmu bejn Malta u Sqallija. Il-Lead partner ta' dan il-progett ser ikun il-Kunsill ta' Sciacca fi Sqallija fejn il-partners Maltin ser ikunu il-Kunsill Lokali Gharb, il-Malta Tourism Society u l-Maltese Italian Chamber of Commerce. Il-Kunsill qabel unanimament li jipprocedi bis-sehem tieghu bhala partner f'dan il-progett. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi sottomessa applikazzjoni ghall-ko-finanzjament taht il-fond ta' ko-finanzjament.

2.2 Is-Sindku spjega illi huwa ghandu rwol ta' project leader izda l-Kunsill ghandu jahtar zewg sostituti. Il-Kunsill qabel li Raymond Cassar ghandu jkun sostitut tas-Sindku. It-tieni sostitu ghandu jkun Emanuel Muscat.

2.3 Gie spjegat illi l-progett jaghlaq fl-ewwel kwart tal-2013 u qed jigi progettat li l-pakkett turistiku (smart boxes) ikunu lesti fis-Sajf 2012. Il-Kunsill qabel illi ghandhom jigu ippublikati l-offerti relatati ma dan il-progett.

**3. Progett Fondi EU taht Mizura 323 Gharb's cultural and touristic conservation project.**

3.1 Gie spjegat illi l-garanziji bankarji imposti mill-MEPA fuq il-permessi ta' San Dimitri u l-Knisja taz-Zejt taht Mizura 323 saru. Gie spjegat ukoll illi gew ippublikati l-offerti tax-xogholijiet ta' restawr tas-salib tal-pjazza, kappella ta' san dimitri, knisja taz-zejt, pont fi Triq Sdieri u bini ta' hitan tas-sejjieh u studju dwar is-salib tal-pjazza. L-offerta tat-*technical consortium* ser taghlaq fid-29 ta' April, 2011 fl-10.00am u l-membri tal-Kunsill gew mistiedna sabiex jattendu ghall-ftuh. Inhatar il-board ta' evalwazzjoni li ser jevalwa l-offerti tat-*technical consortium* bil-membri Paul Curmi, Nutar Anthony Hili u Mark Causon.

3.2 Il-Kunsill qabel illi ghandu jitlob awtorizzazzjoni lill-MRRA biex mat-tenders tar-restawr ta' San Dimitri u Kappella taz-Zejt jinkludi xogholijiet ta' bini ta' hitan tas-sejjieh li jaghtu ghal dawn iz-zewg siti kif ukoll embellishment tal-area hdejn il-kappella ta' San Dimitri.

**4. Studju lejn villagg rurali sostenibbli – attivitajiet.**

4.1 Gie spjegat illi bhala parti mill-kuntratt moghti lil Dconsulta Ltd. biex isir studju ta' sostenibilita' dwar il-lokalita', huma ippjanati diversi laqghat ta' konsultazzjoni ma diversi oqsma tas-socjeta' fosthom mat-tfal tal-iskola primarja u l-genituri taghhom fl-10 ta' Mejju, mal-bdiewa, mal-NGO's u operaturi tas-settur turistiku u d-data ta' l-ahhar 3 ghad trid tigi stabbilita. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Gie spjegat ukoll illi bhala parti minn dan il-progett ser isir ir-rapport SEAP li l-Kunsill huwa marbut li jaghmel taht il-ftehim tal-Covenant of Mayors. Gie spjegat illi hemm il-possibilita' li meta dan l-istudju ikun lest il-Kunsill ikun jista' japplika ghall-fondi EEA.

4.3 Saret diskussjoni dwar l-applikazzjoni ghall-fondi ERDF li saret mill-Kunsill ghall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajici fi Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat illi din l-applikazzjoni ghadha pendenti. Emanuel Muscat qal li hemm kumpanija interessata li tinvesti f'dan il-progett. Is-Sindku spjega li wiehed irid jara jekk l-applikazzjoni tippermettix shubija mal-privat.

## 5. Aggornament dwar progetti u xogholijiet ohra.

5.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet tal-WSC in konnessjoni mal-progett tal-master plan tad-dranagg, fejn gie spjegat li hekk kif Triq Frenc ta' l-Gharb ser tkun lesta ser jibdew ix-xogholijiet fi Triq tal-Gidi.

5.2 Carmen Vella staqsiet dwar it-tiswija tal-hsara fi Triq Trux. Is-Sindku spjega illi fil-mument il-Kunsill ikun qed jidhol ghal riskju finanzjarju jekk jaqbad u jibda xogholijiet ta' dan it-tip meta ser ikun qed iwettaq ix-xogholijiet fil-pjazza u Triq il-Knisja.

5.3 Saret diskussjoni dwar l-iskema tal-PPP fejn gie spjegat illi gie approvat l-ammont ta' €177,860.23. Hawnhekk giet trattata il-korrispondenza relatata mid-DLG. Is-Sindku spjega li ghad irid isir test tat-toroq biex ikun determinat is-sahha u l-kompozizjoni tal-bini tat-triq ezisitenti. Il-Kunsill qabel illi ghandu jipprocedi bil-ftehim tal-PPP u qabel li wara Triq il-Knisja il-priorita' hija Triq Trux.

5.4 Gie spjegat illi l-mains tal-WSC ser isiru mill-WSC ghas-spejjez taghhom. Jekk il-Kunsill jiffirma l-kuntratt tal-PPP ma Gatt Tarmac Ltd. li tefgha l-offerta tal-PPP, il-WSC iridu jirriversjaw l-LA minghand ir-Road Construction u jaghtuha lil Gatt Tarmac Ltd biex ikun jista' jaghmel ix-xoghol ikkoncernat.

5.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholjiet fil-gnien fi Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat illi x-xoghol huwa miexi b'rittmu tajjeb. Il-Kunsill qabel li l-MQuip ghandhom jipprovdu playing field equipment bhala parti mill-offerta li kienu tefghu. Dwar id-dwal ta' gol-hajt il-Kunsill qabel illi dawn ghandhom jinxtraw minghand Rapa jew minn post iehor jekk jinstabu irhas. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' li l-gnien ikun inawgurat f'Jum il-Missier.

5.6 Il-Kunsill qabel li l-kuntratt ta' *hire of machinery* ma Derrick Camilleri ghandu jigi estiz b'sena ohra.

5.7 Dwar is-sea point structure f'Wied il-Mielah gie spjegat illi l-assigurazzjoni ser tipprovdi struttura gdida li ser tinhadem minn fornitur Malti maghzul mill-insurance stess.

5.8 Emanuel Muscat issuggerixxa illi l-istruttura ghandha tkun tizzarma. Is-Sindku spjega illi din il-proposta tressqet lill-insurance wara li saret konsultazzjoni mal-PPCD fejn kien hemm qbil dwar dan.

5.9 Giet diskussa proposta sabiex il-Kunsill fit-13 ta' Gunju jinghaqad ma diversi pajjizi ohra Ewropej fic-celebrazzjoni Ewropea ta' Viva l-Ewropa bi trazmissjoni diretta permezz tas-satellita tal-opra Tosca fil-Pjazza Zjara tal-Madonna li tkun miftuha ghall-pubbliku in generali. Il-Kunsill qabel unanimament li jiehu sehem f'din l-attivita'. Min naha tieghu il-Kunsill ser jipprovdi screen, trazmissjoni satellitari u siggijiet.

**6 Harga ghall-anzjani.**

6.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata harga ghall-anzjani gewwa Ghawdex nhar il-Hadd 15 ta' Mejju, 2011.

6.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi grupp ta' zaghzagh illi huma attivi fil-loghba tat-*tug of war* ser imorru l-Italja bejn it-18 u 22 ta' Mejju fejn ser jiehdu sehem f'loghob tat-*tug of war* organizzat mill-federazzjoni taljana tat-*tug of war*. Is-Sindku spjega illi huwa ghamel talba lill-Ministru ta' l-Isports u Ministeru ghal Ghawdex dwar possibilita' ta' ghajnuna li tista' tinghata lil dawn iz-zaghzagh.

**7.0 Skeda ta' pagamenti.**

7.1 Il-Kunsill approva il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

7.2 Il-Kunsill approva wkoll il-hlas tal-kontijiet tal-Emergency Response & Rescue Corps ghall-ammont ta' €360 u Reno Rapa ghall-ammont ta' €322 ghal servizz relatati ma Seher il-Punent 2011.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar xi gebel mitfugh f'Wied il-Mielah. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur Derrick Camilleri ghandu jigi inkarigat inehhi dan il-gebel.

8.2 Invit mill-Kunsill Lokali Sannat fejn il-Kunsill gie mistieden jattendi ghac-celebrazzjonijiet ta' Jum Sannat.

8.3 Mill-MEPA:-
Laqgha fejn ser jigi diskuss il-Permess numru PA4357/06 – To relocate a cattle farm, site at Tal-Kemmuni l/o Gharb. Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA3959/07, PA3857/10, PA3566/10 u PA5234/10.

8.4 Minghand Wise Owl Publications b'lista ta' kotba li jiswew €400 u qed jinghataw lill-Kunsill bi prezz specjali ta' €200. Il-Kunsill qabel li jixtri dawn il-kotba ghal-librerija.

8.5 Minghand St. Michael School fir-rigward ta' progett ta' e-twinning fejn il-Kunsill qieghed jigi mitlub 20 fuljett b'informazzjoni dwar il-lokalita' sabiex jinghata lill-studenti Taljani.

8.6 Minghand DSL fir-rigward ta' servizzi ta' konsulenza dwar occupational health and safety li huma joffru.

8.7 Mill-Kunsill Lokali Zabbar fir-rigward ta' harga ghall-Anzjani li ser tigi organizzata ghal Ghawdex fis-6 ta' Lulju fejn il-Kunsill gie mitlub jaghmel arranagament biex il-grupp jisma' quddiesa fil-Knisja tal-Gharb u wara ikun ospitat fil-Kunsill ghal refreshments. Il-Kunsill accetta din it-talba.

8.8 Mid-Dipartiment ghal Eko-Ghawdex u Zvilupp Regjonali fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' Smart Civic Centre fejn il-Kunsill gie infurmat li din l-applikazzjoni giet approvata u l-Kunsill ser ikun qed jinghata fondi ghall-progett ta' child care centre u Eco-cabs. Il-Kunsill qabel li jaccetta dan il-finanzjament. Il-Kunsill qabel li jitlob ghal tibdil fil-pjanti approvati tac-centru civiku sabiex ic-child care centre ikun fil-kamra ta' wara il-posta.

8.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tac-centru civiku u dwar il-htiega illi l-ufficju tal-Kunsill ikun temporanjament spostat biex ikunu jistghu jitkomplew ix-xogholijiet. Il-Kunsill qabel illi ghandu jaghmel talba lill-kap ta' l-iskola sabiex l-ufficju amministrattiv ikun spostat fis-sala ta' l-iskola fil-perjodu tal-vaganzi tas-sajf biex ix-xogholijiet ikunu jistghu jitkomplew fl-istess vaganzi.

8.10 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-progress tax-xogholijiet li qed isiru fil-prezent fejn gie spjegat illi l-parti li nbniet fil-bitha ser tkun qed tissaqqaf.

8.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-fondi sabiex titranga l-accessibilita' i.e. li ssir rampa gdida u titjib tal-parapett ta' l-iskola fejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ser ikun qed jipprovdi kuntrattur. Ghad irid jigi kkuntattjat id-DLG ghall-approvazzjoni.

8.12 Minghand il-Kumitat Puttinu Cares f'Ghawdex rigward maratona li ser tigi organizzata b'risq il-fondazzjoni.

8.13 Minghand Dun Achille Cauchi fir-rigward tar-restawr tal-Kappelli taz-Zejt u dik ta' San Dimitri fejn dan spjega illi tinhtieg l-approvazzjoni tal-Kurja biex ikun jista' jsir ix-xoghol ta' restawr u talab li kopja tal-pjanti tar-restawr li ser isir iffirmata mill-Perit tigi pprezentata l-Kurja biex jinkiseb il-permess mehtieg. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jsir mill-iktar fis possibbli peress li dan jaffettwa l-implimentazzjoni tal-progett taht Mizura 323.

8.14 Mill-Enemalta fir-rigward ta' Proposta ta' devjazzjoni ta' wires tad-dawl minn mal-Knisja Parrokkjali. Biex isir dan ix-xoghol jiswa €7243.00. Il-Kunsill interessat li jwettaq dan il-progett bhala parti mix-xoghol ta' restawr tal-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li jitkob kunsens lid-DLG jekk dan ix-xoghol jistax isir. Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk ikun ser isir dan ix-xoghol l-Arcipriet ghandu jgib il-kunsens tan-nies li jkunu ser jintlaqtu mill-progett.

8.15 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ispralli li ser isiru mill-Kunsill matul il-kanal tal-ilma fi Triq Frenc ta' l-Gharb fejn is-Sindku spjega illi intalbu kwotazzjonijiet fosthom lir-Road Construction. Il-Kunsill qabel illi x-xoghol ghandu jitkompla bla ma jieqaf skond l-irhass kwotazzjoni.

8.16 Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-grada li saret fi Triq Birbuba minn Emanuel Mintoff fejn il-kont ta' dan ix-xoghol ghad irid jasal.

8.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Victoria numru ta' gurnalisti Taljani isuqu karozzi Ferrari ser ikunu qed jaghmlu zjara gewwa l-Gharb, propjament gewwa tal-Massar Winery nhar il-Hadd 1 ta' Mejju.

8.18 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-avvizi tal-Kunsill ghandhom jibdew jigu ppublikati f'forma ta' gazzetta bil-Malta u bl-Ingliz. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ewwel harga ghanda tigi ippublikata fl-ewwel zmien possibbli.

8.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tal-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar u dwar l-applikazzjoni li fil-prezent qed tigi ppreparata ghall-fondi taht Mizura 313. Gie spjegat illi l-progett ser ikun downsized minn kif originarjament ippjanat peress li m'hemmx hafna fondi disponibbli. L-applikazzjoni trid tkun sottomessa sal-5 ta' Mejju.

Il-laqgha spiccat hin 5.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv